MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja
IS-SEBA’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 122/7

It-Tnejn 29 ta’ April 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa’ b’urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

122.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

122.2 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements (31/12/2018)

122.3 Tmiem tal-laqgħa.

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**122.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

122.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Kunsillier is-Sur MA Sammut u l-Kunsillier is-Sur S. Caruana kienu informaw illi kienu jinsabu indisposti u għalhekk ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Sammut u s-Sur Caruana għandhom jiġu konsidrati bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit

**122.2.0 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements (31/12/2018)**

122.2.1 Is-Sindku spjega l-urġenza peress li dawn il-fianancial statements kellhom jiġu ppreżentati lill-Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2019.

Saret diskussjoni dwar diversi punti u informazzjoni li tinsab f'dawn il-financial statements u dwar il-fatt li l-Awditur ta ċertifikat u opinjoni tajba tal-qagħda finanzarja tal-Kunsill.

Dawn il-financial statements ġew approvati nem con u l-Kunsill qabe li jiġu ffirmati u ppreżentati lill-Awditur Ġenerali u entitajiet oħra skont proċeduri stabbiliti.

**122.3.0 Għeluq tal-Laqgħa**

122.3.1 Mal-għeluq tal-laqgħa, il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qal li xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex juri l-apprezzament tiegħu dwar ix-xogħol u l-ħidma tal-Kunsill tul il-leġislatura li ħadem u r-rappreżenta lir-residenti fil-Kunsill tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li kienet esperjenza sabiħa u dinjituża li għalkemm mhux dejjem faċli, din għalih tatù l-akbar sodisfazzjon.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq li jirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillier l-oħra kollha li ħadmu u kkoperaw miegħu fil-ħidma kollettiva tal-Kunsill speċjalment fil-qasam tal-ambjent.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq ukoll jirringrazzja lir-residenti tal-Gudja li wrew il-fiduċja tagħhom fih meta eleġġewh fil-Kunsill għal bosta snin.

Is-Sur Baldacchino qal li fl-aħħar u mhux lanqas huwa xtaq li jirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill speċjalment lis-Sa. Antoinette Azzopardi u lis-Sur Joseph M. Formosa għall-ħidma u l-koperazzjoni tagħhom u li din il-koperazzjoni fissret li l-ħidma tiegħu dejjem ġabet is-suċċess maħsub b'risq ir-residenti kollha tal-Gudja.

Is-Sindku wieġeb li huwa xtaq jirringrazzja lis-Sur Baldacchino għall-ħidma u l-koperazzjoni tiegħu u kien għalih dieqa' li sar jaf li s-Sur Baldacchino ma kienx sejjer jerġa' jkun fil-Kunsill għaliex kemm huwa kif ukoll il-Kunsill kollu dejjem sab u fih spalla tajba fis-Sur Baldacchino. Il-Kunsill dejjem ibbenefika mill-ħidma tas-Sur Baldacchino kif ukoll il-Gudja bir-residenti tagħha.

Is-Sur Fenech preżenti ngħaqad mas-sentiment espressi mis-Sindku u qal li kienet esperjenza sabiħa u utili li jkun jaf u jaħdem fil-Kunsill kif ukoll jaqsam il-ħsibijiet tiegħu fuq il-midja soċjali mas-Sur Baldacchino.

122.3.2 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.45pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv